IURIS MALTA

ADVOCATES

Chairman
Kumitat Permanenti dwar
il-Kontijiet Pubblici (PAC)
Kamra tad-Deputati
Il-Palazz
Valletta

23 ta' Mejju, 2014.

Ghaziz Chairman,

Nikteb ghan-nom ta' Francis Portelli ta' 14, Aidengrove, Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex.

Nirreferi ghall-ittra tieghek tad-19 ta' Mejju, 2014 fejn il-klijent tieghi gie mitlub jattendi ghas-seduta tat-3 ta' Gunju, 2014.

Ninfurmak illi f'dik il-gurnata is-sur Portelli ser ikun qieghed gewwa Ateni minhabba laqghat ta' l-*Interferry*.

L-avukat sottoskritt jippatrocina wkoll lil Anthony Cassar li gie mitlub jixhed fit-12 ta' Marzu, 2014. F'dik is-seduta is-sur Cassar kien informa lill-Kumitat bil-fatt li, ghar-ragunijiet indikati fl-ittra tieghu tas-7 ta' Marzu, 2014, kien ser jezercita d-dritt tieghu tas-silenzju. Il-posizzjoni tas-sur Portelli hija identika.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2014, li giet imxandra *live*, gie deciz li jintalab jixhed is-sur Portelli. Issa li rcieva notifika formali, is-sur Portelli ser jintavola kawza kostituzzjonali flimkiem mas-sur Cassar sabiex id-drittijiet fondamentali tieghu jigi salvagwardati. Din il-kawza kongunta ser tigi intavolata qabel is-seduta tat-3 ta' Gunju, 2014.

Ghar-ragunijiet premessi is-sur Portelli jitlob gentilment sabiex jigi ezentat milli jidher ghas-seduta tat-3 ta' Gunju, 2014 kemm sabiex ikun jista' jattendi ghall-laqgha msemmija li ser issir gewwa Ateni kif ukoll minhabba l-fatt li l-posizzjoni tieghu hija identika ghal dik tas-sur Anthony Cassar u sad-data tas-seduta ser tkun giet intavolata kawza kostituzzjonali kongunta. Fi kwalunkwe kaz l-avukat sottoskritt ser jattendi ghas-seduta sabiex jinforma lill-Kumitat bl-andament tal-kawza kostituzzjonali.

Inselli ghalik,

***Av Stephen Tonna Lowell***

36, Archbishop Street, Valletta VLT 1447, Malta | t: (+356) 2125 2709, 2122 6331, 2124 8025, 2124 1507
f: (+356) 2124 7170 | e: info@iurismalta.com

A list of members is available on the firm's website

www.iurismalta.com